MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2012

Numru 389/2012

Il-Pulizija
(Spettur Spiridione Zammit)
(Spettur Roderick Agius)

vs

Paul Gauci Borda

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 481492M akkuzat talli :b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozzijonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. nhar l-24 ta'Marzu 2012 ghal habta ta' 4.30pm, gewwa l-fond 'Sonren Pharmacy' li tinstab fi Triq iz-Zejtun

Hal-Tarxien ikkommetta serq ta’ xfafar tal-lehja ghal valur ta’ madwar 70 ewro liema serq sar ghad-detriment ta’ Richmond Attard minn H’Attard u/jew persuni ohra;

2. fi 28 ta’ Frar 2012 ghal habta ta’ 5.30pm, gewwa l-fond ‘St. Mary Pharmacy’ li tinsab fi Triq l-Ghasfura Haz-Zebbug ikkommetta serq ta’ xfafar tal-lehja u shaving foam ghal-valur ta’ 150 ewro liema serq hu ghad-detriment ta’ Mary-Anne Bonanno minn Haz-Zebbug;

3. fi 28 ta’ Frar 2012 fi’xhin wara nofsinhar waqt li kien fil-fond ‘Plaza Pharmacy’ li tinsab fi Triq il-Kbira Haz-Zebbug ikkometta serq ta’ xfafar tal-lehja valur u ammont mhux maghruf ghad-detriment ta’ Adrian Micallef u /jew persuni ohra;

4. fix-xahar ta’ Marzu 2012 f’xi hinijiet waqt li kien fl-ispizerija ‘Drug Store’ li tinstab Vjal de La Cruz, Qormi ikkometta serq ta’xfafar tal-lehja valur u ammont mhux maghruf ghad-detriment ta’ Raymond Fenech minn Hal-Qormi;

5. fit- 22 ta’ Frar 2012 ghall- habta ta’ 4pm gewwa ‘Mgarr Pharmacy’ li tinsab fi Triq il-Kbira Mgarr ikkommetta serq ta’ xfafar tal-lehja ghal valur ta’ madwar 60 ewro ghad-detriment ta’ Vincent Vella minn Naxxar u/jew ta’ persuni ohra;

6. fix-xahar ta’ Marzu 2012 f’zewg okkazjonijiet differenti mill-fond ‘Felice Pharmacy’ li tinsab fi Triq is-Santwarju Haz-Zabbar ikkommetta serq ta’ xfafar tal-lehja ammont u valur mhux maghruf li sar ghad-detriment ta’ Alan Sammut minn Haz-Zabbar u/jew persuni ohra;

7. fix-xahar ta’ Marzu 2012 mill-fond ‘Fgura Pharmacy’ li tinsab fi Triq il-Koppla Fgura ikkommetta serq ta’ flixken tal-gel valur taghhom mhux maghruf u li sar ghad-detriment ta’ Amanda Garzia mill-Fgura u/jew persuni ohra;

8. fix-xahar ta’ Marzu 2012 mill-ispizerija ‘Pinto Pharmacy’ li tinsab fi Triq San Bartolomew Hal-Qormi f’zewg okkazjonijiet differenti ikkommetta serq ta’ xfafar tal-lehja ammont u valur taghhom mhux maghruf ghad-detriment ta’ Karmena Cutajar minn Hal-Qormi.

Il-Qorti mitluba li f’kas ta htija lill-imputat bhala li sar recediv ai terminu tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta liema sentenzi kienu moghtija lil u li saru definittivi u ma jistghjux jigu mibdula.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta:

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa jinsisti anka wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra;

Semghet it-tratazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

L-imputat ammetta ghall-akkuzi u dan volontarjament u inkondizjonatament. Tali ammissjoni tistabilixxi r-rejita’. Intant il-fedina penali tieghu hi dik li hi.

Fic-cirkostanzi issib l-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Rat l-Artikolu 18, 261 (c), 267, 279 (a), 284, 285, 49 u 50 tal-Kap 9. Tikkundanah sena prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------